Vol 38
Nru 198
Ottubru - Diċembru 2017

# L-ART Imqaddsa

RIVISTA BIBLIKA



L-Art Imqaddsa

Rivista Biblika
li toħroġ kull tliet xhur
mill-Kummissarjat tal-Art
Imqaddsa tal-Provinċja
Franġiskana Maltija

EDITUR:
P. Twanny Chircop OFM
Kummissarju
tal-Art Imqaddsa



BORD EDITORJAL:
P. Marcello Ghirlando OFM
P. Noel Muscat OFM
Mr. Louis Casha



DISTRIBUZZJONI:
Fra. Lorrie Zerafa OFM

ABBONAMENT:
€10 fis-sena
€15 jew aktar Sostenitur



Kummissarjat
tal-Art Imqaddsa
8, Triq Santa Luċija,
Valletta, VLT 1213
Malta.
Tel: 2124 2254



DISINN U STAMPAR:
Best Print Co. Ltd



Il-Materjal kollu li jidher
f'din ir-Rivista
huwa Copyright ©
tal-Kummissarjat tal-Art
Imqaddsa u l-Edizzjoni
TAU, 2017



comalt@ofm.org.mt
www.ofm.org.mt


Qoxra Quddiem:
*Il-Kavallieri ta' S. Ġwann jiddefendu Akri*

# Werrej



6


20


24

29




6 Il-Franġiskani ilhom 800 Sena fl-Art Imqaddsa

18 Ittra tal-Papa Franġisku fl-okkażjoni tat-800 Sena ta' preżenza Franġiskana fl-Art Imqaddsa

20 L-Ilbies fil-Bibbja

24 L-Omm tal-Makkabin (4)

29 Il-Ġustifikazzjoni fil-fidi f'San Pawl

35 Kristoloġija tal-Evanġelju skont San Ġwann




35

# Editorjal

ta' Patri Twanny Chircop ofm



## 800 Sena fl-Art Imqaddsa

Fil-11 ta' Ġunju ta' din is-sena, grupp kbir ta' patrijiet Franġiskani, immexxijin mill-Kustodju tal-Art Imqaddsa, P. Francesco Patton OFM, marru pellegrinaġġ fil-port ta' Akri, fuq il-kosta tat-tramuntana ta' Israel, biex jagħtu bidu għal kommemorazzjoni speċjali. Kien eżattament 800 sena ilu, fl-1217, li l-ewwel grupp ta' patrijiet Minuri, immexxija minn Fra Elia ta' Assisi, jew ta' Cortona, rifsu l-Art Imqaddsa meta waslu proprju fil-port ta' Akri, li kienet il-kapitali tar-renju Kruċjat ta' Ġerusalemm. Hemmhekk huma waqqfu l-ewwel kunvent ċkejken tagħhom, u minn hemm xterrdu biex jibqgħu preżenti fl-Art Imqaddsa matul dawn l-aħħar 800 sena.

Biex tfakkar din il-ġrajja unika l-Kustodja tal-Art Imqaddsa organizzat konvenju ta' tlitt ijiem matul ix-xahar ta' Ottubru, li fih ġew ippreżentati studji minn esperti tal-istorja Franġiskana, u li għalih kienu preżenti l-ogħla awtoritajiet, fosthom il-Kardinal Leonardo Sandri, Prefett tal-Kongregazzjoni tal-Knejjes Orjentali, u l-Ministru Ġeneral tal-Patrijiet Minuri P. Michael Perry, flimkien mal-Amministratur Apostoliku ta' Ġerusalemm u ex-Kustodju tal-Art Imqaddsa Monsinjur Pierbattista Pizzaballa.

L-istorja tal-Franġiskani fl-Art Imqaddsa hi waħda glorjuża, immarkata wkoll minn xhieda erojka li wasslithom sal-martirju. Hi storja li rathom imkeċċijin mill-Art Imqaddsa aktar minn darba, imma dejjem

*...editorjal*
*800 Sena fl-Art Imqaddsa*




lesti li jerġgħu lura malli s-sitwazzjoni tkun favorevoli. Il-preżenza tal-Franġiskani kienet dejjem waħda ta' fedeltà assoluta lejn il-mandat mogħti lilhom mill-Knisja biex iħarsu l-ġebel materjali tas-Santwarji tal-Fidwa u l-ġebel ħaj tal-komunità Kristjana li tgħix fl-Art Imqaddsa.

Ir-raġġ ta' azzjoni tal-Franġiskani fl-Art Imqaddsa kien wieħed wiesa'. Mill-Eġittu, għall-Palestina (illum Israel u Palestina), għall-Ġordanja, għas-Sirja, għal-Libanu, għall-Armenja u ċ-Ċiliċja, għall-gżejjer ta' Ċipru u Rodi, għal Kostantinopli, il-Franġiskani dejjem raw il-missjoni tagħhom bħala waħda unika: dik li jħarsu għall-Kristjanità dak kollu li hu marbut mal-persuna ta' Ġesù Kristu u mal-istorja tas-salvazzjoni.

Is-sigriet tas-suċċess tal-preżenza Franġiskana dejjem kien li din kienet waħda internazzjonali. Il-Franġiskani li ġew joqogħdu fl-Art Imqaddsa, b'riskju kbir għal ħajjithom, kienu u għadhom jiġu mid-dinja kollha, minn kull fejn it-tonka Franġiskana għadha tidher fit-toroq tal-bliet u l-kampanja. Bil-ħidma bla waqfien tal-Kummissarji tal-Art Imqaddsa, li huma l-animaturi veri tal-missjoni fid-diversi pajjiżi, il-Franġiskani dejjem tħeġġew biex jiġu minn jeddhom bħala missjunarji fl-Art ta' Ġesù. Sal-lum il-ġurnata żgħażagħ mid-dinja kollha għadhom jaslu Ġerusalemm u jitolbu lill-Patri Kustodju jlibbishom it-tonka Franġiskana bħala membri tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa, biex joffru ħajjithom għas-servizz tal-Knisja f'din il-ġawhra tal-missjonijiet.

Il-ħidma ta' animazzjoni favur l-Art Imqaddsa ssir b'mod partikulari permezz tal-kura u l-akkumpanjament tal-eluf ta' pellegrini Kristjani li jżuru l-Postijiet Qaddisa. Ix-xogħol tal-Kummissarji tal-Art Imqaddsa hu proprju dak li jakkumpanjaw b'mod espert lil dawn il-pellegrini u jgħinuhom iħobbu l-Art ta' Ġesù. Anke l-Kummissarjat ta' Malta hu minn ta' quddiem nett f'din il-ħidma ta' apostolat. Din is-sena l-Kummissarji tal-Italja, Slovakkja, Slovenja, Albanija, Polonja, Kroazja u Malta ltaqgħu fil-gżira ta' Rodi biex flimkien jitkellmu dwar dan l-apostolat prezzjuż favur il-Kustodja u kif jaffrontaw l-isfidi ġodda ta' min jivvjaġġa bi skop differenti minn dak sempliċement ta' svog jew divertiment, imma jipprova jikber ukoll fil-fidi tiegħu matul il-vjaġġi li jagħmel.

L-istudju tal-Kelma ta’ Alla u tal-fdalijiet arkeoloġiċi li huma marbutin mal-ġrajjiet bibliċi hu prijorità tal-preżenza u l-ħidma tal-Franġiskani fl-Art Imqaddsa. Għal diversi sekli kienu huma li kitbu kummentarji bibliċi, li ħaffru u sabu fdalijiet antiki li jeħduna lura sal-ewwel sekli tal-preżenza Kristjana fl-Art Imqaddsa. Sal-lum il-ġurnata din il-ħidma titkompla b’mod professjonali permezz tal-i*Studium Biblicum Franciscanum* ta’ Ġerusalemm, fejn arkeoloġi ta’ fama mondjali jaħdmu b’mod professjonali, u b’kollaborazzjoni sħiħa ma’ arkeoloġi Israeljani u Ġordani, kif ukoll ma’ oħrajn minn diversi pajjiżi tad-dinja.

Għall-okkażjoni tat-tmien ċentenarju ta’ preżenza Franġiskana fl-Art Imqaddsa, l-Papa Franġisku indirizza Ittra lill-Patri Kustodju, Francesco Patton, u lill-Patrijiet Franġiskani tal-Kustodja, li fiha semma’ dawn l-inizjattivi kollha li jagħtu ġieħ lill-Kustodja. Imma forsi l-aktar element sabiħ li hemm fl-ittra hi d-dikjarazzjoni li l-Papa jagħmel biex fiha jġedded il-mandat mogħti lill-Franġiskani biex ikunu l-Kustodji uffiċjali tal-Art Imqaddsa f’isem il-Knisja Kattolika, mandat mogħti għall-ewwel darba mill-Papa Klement VI fil-21 ta’ Novembru 1342, u mġedded minn diversi Papiet, fosthom il-Papiet reċenti Pawlu VI, Ġwanni Pawlu II, Benedittu XVI u l-Papa attwali.

Il-Papa Franġisku jinsisti wkoll fuq l-attenzjoni li l-Patrijiet Franġiskani jagħtu għall-kura pastorali u soċjali tal-Insara lokali tal-Art Imqaddsa, u jħeġġeġ lill-komunità Kristjana fid-diversi djoċesijiet biex tkompli tgħinhom f’din il-missjoni tagħhom l-aktar permezz tal-ġabra annwali favur l-Art Imqaddsa. Din l-inizjattiva ssib appoġġ minn diversi isqfijiet, u ta’ min isemmi b’sens ta’ rikonoxxenza lill-isqfijiet tagħna Charles Jude Scicluna u Mario Grech, li dejjem taw l-appoġġ personali tagħhom favur l-Art Imqaddsa, kif għamlu wkoll il-predeċessuri tagħhom. Hu permezz ta’ din l-għajnuna li l-missjoni tal-Art Imqaddsa tista’ tkompli fil-ħidma tagħha reliġjuża, soċjali, edukattiva, u professjonali, favur il-komunitajiet Kristjani preżenti fl-Art Imqaddsa u favur l-għarfien tal-Iskrittura u t-tixrid tal-fidi.

Din ir-rikorrenza ta’ 800 sena ta’ preżenza Franġiskana ma tridx biss tkun kommemorazzjoni ta’ ġrajja tal-passat jew ta’ storja glorjuża. Dak li issa jibqa’ sfida għall-Franġiskani hu l-futur tagħhom fl-Art Imqaddsa, fis-sitwazzjoni soċjo-politika li fiha jgħixu. Il-Papa Franġisku fakkarhom fl-Ittra tiegħu fil-kliem ta’ San Franġisk, li meta jibgħat lill-patrijiet tiegħu għall-missjoni, jinkuraġġihom biex ikunu strumenti ta’ paċi u rikonċiljazzjoni bejn il-bnedmin. Fil-kuntest attwali ta’ tensjoni etnika, reliġjuża u soċjali, l-preżenza tal-“patrijiet tal-ħabel” fl-Art Imqaddsa, jekk tkun preżenza ta’ sempliċità evanġelika u ta’ paċi, għad għandha quddiemha futur sabiħ.

## *Il-Bord Editorjali jawgura Milied Qaddis u s-Sena t-Tajba lill-qarrejja kollha*